# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

**farfett tal-ħurrieq**




Numru 52 Settembru - Ottubru 2002

# EDITORJAL



Ftit ilu fir-raħal fejn noqgħod kellna l-festa, u dakinhar filgħodu kont fil-ġnien qed niġbor xi żerriegħa. F'daqqa waħda jagħtu murtal minn dawk tal-bomba, li qabbiżni metru mill-art (u biex jien naqbeż metru mhux faċli!). B'qalbi tħabbat reggae ħarist 'il fuq, u rajt qatgħa ta' xi 50 għasfur tal-bejt itiru 'l hawn u 'l hemm qishom l-imġienen - tnejn minnhom anke ħabtu f'xulxin fil-fixla! Bdejt nosserva li kull darba li faqqa' murtal l-istess folla għasafar bdew itiru bil-ħasda u jagħqdu 'l hawn u 'l hemm qishom ir-ras maqtugħa!

Meta nagħmlu xi ħaġa qatt nieqfu naħsbu ftit jekk inkunux ħa nfixklu l-annimali li jgħixu madwarna? Jew anke npoġġulhom ħajjithom fil-periklu?

Tafu per eżempju li jekk ninsew barmil bl-ilma fil-ġnien ħdejn xi ċint jew qasrija tista' taqa' fih gremxula u tegħreq? Naf għax b'xorti ħażina ġrat lili, u tgħidx kemm għelejt għaliha miskina! Jekk se nħallu barmil bl-ilma, naraw li ngħattuh b'xi ħaġa. Fir-rebbiegħa u fis-sajf anke frieħ ta' l-għasafar jistgħu jaqgħu.

Tafu li borża fil-baħar tista' tiblagħha fekruna u tmut?

Tafu li qafla tal-fliexken ta' l-ilma mormija l-baħar jista' jidħol fiha ferħ ta' denfil kurjuż, jitħabbel fiha u tissikka miegħu sa ma toqtlu?

Kollha affarijiet li ġraw.

Mela oqogħdu attenti!

Ċaw għalikom!



Victor

**Victor Falzon**
Editur



## x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| il-kokka tax-xagħri | 5 |
| gallerija | 6 |
| spot natura | 7 |
| kompetizzjoni 52 | 7 |
| attività | 8 |
| tridu ddaħħlu kemxa? | 8 |
| ittri | 8 |
| paġna falko | 9 |
| żvilupp sostenibbli | 10 |
| biex niċċajta | 11 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| triq fil-kampanja | 12 |



Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'din il-publikazzjoni jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' l-isem *Il-Huttafa* u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Farfett tal-ħurrieq** (ritratt ta' Alex Casha)
Faċċata ta' wara: **Triq fil-kampanja** (ritratt ta' Victor Falzon)
Stampat: Poulton's Print Shop, Sett 2002

EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR


Klabb Huttaf

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Huttafa*** kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

karta riċiklata

# Bgħadan bl-għama!





Tpinġija minn ktieb ġdid tal-BirdLife dwar l-għasafar, li nisperaw li joħroġ ma jdumx!

Dil-ħarifa għaddiet passa sabiħa ta' **bgħadan ħomor** (marsh harrier *Circus aeruginosus*), speċjalment nhar it-13 Settembru 2002, meta mill-Buskett biss il-berdwoċers tal-BirdLife għoddew iktar minn elf. F'dawn l-aħħar snin in-numru ta' bagħdan aħmar li jgħaddu minn fuq Malta żdied. Fil-fatt fejn qabel kienet il-**kuċċarda** (European honey-buzzard *Pernis apivorus*) l-iktar "broadwing" komuni li tidher, minn xi snin 'l hawn il-bagħdan aħmar qiegħed spiss ikun iktar numeruż minnha. Jista' jkun li l-ħabitati li jbejjet fihom dan l-għasfur qegħdin ikunu mħarsin aħjar fl-Ewropa. Il-bagħdan iħobb bwar (marshes) bil-qasab.

Fis-17 Settembru 2002, mill-Buskett ukoll, dehru iktar minn 650 kuċċarda. B'hekk ġabru ftit ġieħhom, u lanqas ma rridu ninsew il-passa qawwija ta' kuċċard li għaddiet f'Mejju li għadda (ara Ħ50)!



# Car Free Day Owkej!



Nhar il-Ħadd 22 Settembru 2002 kienet **car-free day**. Din il-ħaġa ilha ssir numru ta' snin f'ħafna bliet f'pajjiżi ta' l-Ewropa. F'Malta bdiet tliet snin ilu, u għall-ewwel kienet ħadet sehem fiha l-Belt Valletta biss. Dis-sena l-idea nfirxet għal 18-il belt jew raħal f'Malta.



Dawn kienu Ħ'Attard, Birkirkara, il-Furjana, l-Iklin, il-Mellieħa, il-Mosta, in-Naxxar, ir-Rabat, Ħal Safi, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, Santa Luċija, Santa Venera, is-Siġġiewi, Tas-Sliema, is-Swieqi, il-Birgu u l-Belt Valletta.

Inkredibbli tara t-tfal jilagħbu f'nofs Triq Sant'Anna fil-Furjana, fejn is-soltu jkun infern ta' traffiku. Għal ġurnata waħda, it-toroq u speċjalment il-pjazez gawdewhom in-nies, mhux il-karozzi.

Il-Ħuttafa tgħid prosit lill-MEPA li organizzat din il-ħaġa, u prosit lill-Kunsilli Lokali li ħadu sehem u li fehmu l-bżonn li ma nħallux il-karozza tibqa' tikkmanda l-ħin kollu.

Jalla jiġi żmien meta jkollna *car-free days* mhux darba fis-sena, imma anke darba fix-xahar jew iktar! Inqas ma nużaw karozzi, iktar niffrankaw enerġija, infiq, storbju, stress u tniġġis ta' l-arja!



# Big bullies!

Hemm skoss Ingliżi jħobbu l-kaċċa tal-volpi. Jilbsu l-ġakketta ħamra u joħorġu joqomsu fuq iż-żwiemel fil-kampanja b'ruxxmata klieb magħhom. Imbagħad meta jsibu volpi dawn il-heroes iħallu l-klieb jaqbżu fuqu u jiżbranawh ħaj! Jgħidu li din hija kultura, tradizzjoni eċċ, insomma l-istess kantaliena tal-kaċċaturi Maltin.

Il-Prim Ministru Ingliż Tony Blair kien ħalef li jaqta' l-kaċċa tal-volpi, imma meta ġie għas-si u n-no qal "Ejja insibu bilanċ". Fi kliem ieħor beża' li jitlef il-voti!

Sadattant, kmieni dis-sena, Scotland qatgħet il-kaċċa għall-volpi biż-żwiemel u bil-klieb. Prosit Scotland! Kif tgħidu: *That's the spirit!*



## X'għandna mid-dinja?

tirrapporta
**Elisabeth Conrad**

# TuMuCuMaQuE!

Il-gvern tal-Brażil se joħloq l-ikbar riserva ta' foresta tropikali fid-dinja. Il-park nazzjonali **TUMUCUMAQUE** se jkollu medda ta' madwar 40,000km$^2$ - kważi daqs l-iSvizzera! Ġenna ta' l-art mimlija ħabitati għal ħafna speċi ta' xadini u mammiferi oħrajn bħaġ-ġagwar; hemm ukoll fkieren ta' l-ilma ħelu u ajkli ħarpi. Xjenzati jemmnu li f'dal-post għad hemm ħafna speċi li ħadd għadu ma jaf bihom. Dan għaliex Tumucumaque għadu fi stat naturali fejn il-bniedem għadu m'għamilx ħerba.

Il-ħolqien ta' dir-riserva enormi hija aħbar tajba. B'xorti ħażina, però, il-bqija ta' l-Amażon qed tkompli tinqered b'rata ta' 16,000km$^2$ (daqs Malta 50 darba!) fis-sena. L-ikbar problema hija l-qtugħ ta' siġar b'injam prezzjuż bħall-kewba u iroco, kif ukoll biex jikklerjaw l-art ħalli jrabbu l-baqar. L-Amażon diġa naqset bi 15%.

Il-gvern Brażiljan bi ħsiebu wkoll jibni ħajwej ta' 1800km (qisu minn Malta sa Pariġi!) li taqta' dritt mill-qalba tal-foresta.

Il-President tal-Brażil Cardoso iddikjara li jrid jipproteġi 10% tal-foresta ta' l-Amażon, imma sal-lum 1% biss huwa protett.



**prince bernard titi monkey**



**stephen nash titi monkey**



**Dawn huma l-uċuħ ta' żewġ speċi ta' xadini ġodda li nstabu dan l-aħħar fil-foresta ta' l-Amażon, għalkemm mhux f'Tumucumaque. Huma xadini żgħar ħafna, daqs ferħ ta' qattus.**

# ILJUNFANTI

Id-diversita ta' ħajja li teżisti fid-dinja dejjem tkompli tgħaġġibna. Dan l-aħħar skoprew li mhux żewġ speċi ta' iljunfanti jeżistu, imma tlieta. Xjenzati fil-Kenja sabu li l-ilfunjanti li jgħixu fis-savannas huma differenti sew minn dawk li jgħixu fil-foresti ta' l-Afrika, tant li ddikjarawhom speċi separata! Jeżistu biss xi 150 elf iljunfant ta' din l-ispeċi.




**Kull sena, il-McDonald's jarmu 700,000 tunnellata skart. Dan huwa kollu skart magħmul minn pakkjar, platti, tazzi eċċ li jkunu ntużaw darba u għal ftit minuti biss! X'ħela!**

karta riċiklata

# il-kokka tax-xagħri

Fil-ħarifa jpassu erba' speċi ta' kokk - il-**kokka tax-xagħri** (short-eared owl), il-**kokka żgħira*** (scops owl), il-**qattus** (long-eared owl) u l-**barbaġann** (barn owl). Il-kokka tax-xagħri hija l-iktar waħda li għandna ċans naraw peress li l-kokka żgħira tħobb tistaħba u l-qattus u l-barbaġann huma rari ħafna. Il-kokka tax-xagħri hi wkoll l-unika waħda minnhom li ttir bi nhar.

Il-kokka tax-xagħri tpassi f'Marzu u April u bejn Settembru u Novembru. Ta' kull sena jidhru wkoll xi waħdiet fix-xitwa, forsi fuq xi roqgħa xagħri mwarrba fejn ma tantx imorru kaċċaturi. Kemmuna hi post favorit u kull sena xi waħda tqatta' x-xitwa hemm. Ma tħobbx postijiet bis-siġar u għalhekk ix-xagħri huwa l-aħjar ħabitat għaliha fil-gżejjer Maltin. F'dawn l-aħħar snin, minn meta l-berdwoċers Maltin bdew imorru josservaw l-għasafar max-xtut, saru jidhru numri mhux ħażin ta' kokk tax-xagħri ipassu fuq il-baħar.

Il-kokka tax-xagħri faċli tagħrafha. Hija mdaqqsa, u ikbar sew minn ħamiema. Ittir bil-lajma u ma' kull qadfa titla' ftit 'il fuq; tigglajdja spiss u ġieli kważi tissaqqar, kultant fl-għoli. Bħal ħafna kokk, il-kulur tagħha huwa kafellatte b'daqqiet kannella, bojod, u suwed. Minn taħt tkun ċara ħafna, imma mhux bajda bħall-barbaġann. L-unika speċi li tixbaħha hi l-qattus (mhux li jagħmel mjaw! imma l-kokka li jisimha hekk), imma dan iħobb is-siġar u meta narawh mill-viċin (fil-ħolm!) għandu żewġ troffiet rix twal imqajmin qishom widnejn.

Darba, fil-bidu tas-snin tmenin, membri tal-BirdLife kienu sabu bejta tal-kokka tax-xagħri fuq Kemmuna. Kieku ma kienx għall-kaċċaturi li jiġu jaqgħu u jqumu li dan l-għasfur hu protett, kieku żgur tibda tbejjet aktar spiss.

Ingliż: **short-eared owl**
xjentifiku: ***Asio flammeus***

Din hi waħda mir-raġunijiet għaliex il-BirdLife qed tirsisti biex għall-inqas fir-rebbiegħa tieqaf il-kaċċa KOLLHA. B'dan il-mod biss nistgħu nibdew ingawdu l-għasafar ibejtu fil-gżejjer tagħna.

*Mark Anthony Falzon*

Editur: il-**kokka żgħira** (scops owl) jgħidulha wkoll **kokka.** Naħseb li l-isem li juża Mark jagħmel iktar sens, għax l-oħrajn ukoll huma kokka! Wasal iż-żmien li l-ismijiet bil-Malti ta' xi għasafar jingħataw tfarfira!



Ray Galea

# GALLERIJA



**Ġiraffa**
karl vella 11



**Ta' San Martin**
gillian busuttil 9



**Pingwin**
elaine farrugia 13



**Awwista**
david attard 11



**Baħrija**
lisa christine xuereb 11



**Żrinġ**
andrew falzon 9



**Durrajsa safra**
elizabeth cremona 10



**Ħuttafa**
aaron lanzon 7



**Margun**
marjoe callus 10



Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom biex jidhru fil-magażin. Tpinġux bil-kulur (għax għalxejn), iktbu isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta li tkunu pinġejtu. Kull tpinġija li tidher trebbaħkom 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena 2002



**Verdun**
julian bonello 11

SPOT NATURA

# Iż-Żiemel il-Baħar



Iż-żiemel il-baħar tista' ssejjaħlu kollox minbarra ħuta minħabba l-għamla unika li għandu. Rasu u għonqu jfakkruk mill-ewwel fiż-żwiemel, iżomm ruħu wieqaf u ghandu denbu mibrum bħal tal-kamaleonti u jużah biex jankra lilu nnifsu ma' l-alka. Ghajnejh iċaqlaqhom indipendentement minn xulxin u ħalqu (li hu daqs nitfa) qiegħed fit-tarf ta' rasu. Il-priża jaqbadha billi jsoffiha 'l ġewwa qisu qed jixrob minn stro. Għandu għawma dgħajfa u jogħla u jitbaxxa fl-ilma billi jżid jew inaqqas l-arja ġewwa fih.

Anke t-tnissil tiegħu hu mill-aktar uniku. Ir-raġel għandu borża fuq żaqqu u l-mara tbid il-bajd fiha. Il-bajd jibqa' hemm sakemm ifaqqas. Imbagħad iż-żgħar joħorġu u mill-ewwel jibdew ifendu għal rashom.

Fl-ibħra ta' madwarna nsibu disa' speċi ta' żwiemel il-baħar, għalkemm mhux kollha għandhom l-għamla karatteristika li tkellimna dwarha - hemm minnhom joqoghdu qishom tubu stirat! L-aktar speċi frekwenti hi ta' lewn kannella u ma tikbirx aktar minn 15ċm. Jgħix l-aktar fejn ikun hemm meded ta' alka.

*Jason Aloisio*

# Kompetizzjoni 52

*Norman (Fairy) Chetcuti*

Ħafna annimali huma esperti biex jinħbew, imma mhux daqs dawn ta' ġo l-istampa! Ara jirnexxilkomx issibu moħbijin

**6 friefet**
**4 ħanfusiet**
**1 bebbuxu**
**1 għasfur**




(iż-żrinġ ma jgħoddx!!)

Immarkaw fejn qegħdin, imbagħad ħudu fotokopja ta' l-istampa u ibagħtuhielna flimkien ma' isimkom u l-indirizz. Jew skenjaw l-istampa u ibaghtuhielna attaċment. Imma QATT tqattgħu l-magażin. Ċans għandkom sal-**31 Ottubru 2002**.

premju
**sett kartolini ta' l-għasafar**



## Kompetizzjoni 51

Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 51 huwa **Jake John Mizzi** minn Ħaż-Żabbar. Jake se jirċievi bil-posta l-kartolini li rebaħ. Prosit Jake!

Attività

# Sejrin l-Għadira

Ħa nżuru waħda mir-riservi naturali li tieħu ħsiebhom il-BirdLife. Forsi diġà mortu ma' ta' l-iskola jew ma' tal-familja. Imma żjara l-Għadira qatt mhi żejda, għax ma tafx x'jista' jinqala f'dażżmien tal-passa. Issa jibdew jitfaċċaw l-għasafar li jkunu se jgħaddu x-xitwa f'Malta - fosthom forsi xi **borok** (papri selvaġġi), forsi xi **blonġos** jew **tiġieġa tal-baħar**. Min jaf narawx il-famuż **għasfur ta' San Martin** (kingfisher). Tantx titgħabbew. Ġibu nowtbuk u forsi xi ħaġa żgħira ta' l-ikel, u jekk għandkom tromba u gajd. Narawkom.

Data: **27 Ottubru 2002**
Niltaqgħu: **fil-venda l-Għadira**
Ħin: **8.30am - 11.30am**
Età: **kulħadd!**




# Tridu ddaħħlu kemxa?







Le mhux flus, imma punti fil-**Ħuttafa tas-Sena**!

Kif tafu, il-BirdLife għandha għall-bejgħ żewġ kotba ġodda, wieħed jismu *L-Għasafar ta' Malta* u l-ieħor *Wildlife of the Maltese Islands* - min jaf kemm minnkom diġà xtrawhom it-tnejn! Prosit! Li nixtiequ issa huwa li tgħinuna nbigħuhom ukoll lil ħaddieħor. Kif?

Tmorru dduru bil-kotba intom? U le fejn sejrin b'raskom!!! Li nixtiequ huwa li tqassmulna riklami żgħar lid-djar fl-inħawi fejn toqogħdu, u dan tagħmluh mhux billi tħabbtu l-bibien imma billi tpoġġulhom ir-riklam fil-kaxxi ta' l-ittri. Jekk iċċemplulna fuq 21347646 aħna nibagħtulkom pakkett ta' 50 riklam.

Naturalment biex tagħmlu dan irridu nkunu *ċerti* li għandkom il-permess tal-ġenituri. Għalhekk nippreferu li flok ma ċċemplu intom iċemplulna l-ġenituri tagħkom - mela għidulhom! Imbagħad fil-pakkett ikollkom iktar dettalji.

Grazzi ħbieb!




Ittra

# IĦOSSU S-SĦANA BĦALNA

**Għażiż Editur,**

**Jien nixtieq ngħid li issa f'dawn il-granet tas-sajf l-annimali rridu nieħdu ħsiebhom sew, eż ma nħalluhomx fix-xemx, tajjeb illi dejjem niċċekkjaw jekk ikollhomx ilma kuljum ecc.**

**Din is-sħana mhux lill-bniedem biss taffettwa iżda wkoll lill-annimali. Mhux sew li nħalluhom xi ġurnata fuq il-bejt fix-xemx, lanqas fix-xitwa aħseb u ara fis-sajf. Lanqas ma huwa tajjeb min jabbandunahom f'dik ix-xemx qalila għax l-ewwel ħaġa jmutu bil-għatx u t-tieni ttajjarhom xi karozza.**

**Tajjeb li nibżgħu għalihom dejjem!!**

**Bernice Schembri**
**San Ġwann**

Għażiż Bernice,

Sewwa ħafna għedt. Xi nies donnhom ma jindunawx li l-annimali wkoll iħossu s-sħana u l-bard bħalma nħossu aħna, u li għandhom bżonn il-kenn huma wkoll. Xi ngħidu għal dawk il-povri żwiemel li jġorru l-karozzini f'dik ix-xemx taqli ta' wara nofsinhar, telgħin xi telgħa wieqfa tal-belt Valletta mgħobbijin bit-turisti... Lanqas naħseb ma rrid, għax jaqbduni l-fwawar. Imsieken tassew. Kulħadd jaf biha dil-problema, imma xorta ħadd ma jagħmel xejn.

Semmejt l-annimali mitluqin. Dik ukoll hija kefrija oħra mill-agħar nett. Tgħid x'iħoss is-sid kieku jaqbdu lilu u jitilquh f'nofs deżert? Tgħid jitgħallem kieku?!

L-Editur

# Iktbulna!

Nieħdu pjaċir bl-ittri tagħkom, basta jkollhom x'jaqsmu ma' l-annimali, man-natura, ma' l-ambjent jew mal-Klabb. Iktbu lill-

**Editur *Il-Ħuttafa***
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**




Kull ittra li nġibu tirbaħ 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena.

# Ħbieb Falkuni!



Hawn hu, kollu kemm hu, il-**logo** l-ġdid tal-Falko! Approvat mill-kumitat u mill-editur tal-Ħuttafa wkoll. Grazzi kbira tmur lil Simon, Anthony u Victor, li lkoll għenu ħafna biex għamilnieh. Nispera li jogħġobkom, kemm lilkom li diġà qegħdin fil-Falko, kif ukoll lilkom li daqt ser tagħlqu t-13-il sena u taqilbu għal magħna.

Logo huwa sinjal ta' għaqda - dik l-istampa żgħira li malli taraha tfakkrek fi grupp speċjali. U x'hemm aħjar minn falkun inniffsu biex ifakkrek fil-Falko? L-għasfur li hemm fil-logo ma jurix xi falkun partikolari, ngħidu aħna l-ġisem goff tal-bies, jew il-ġwienaħ twal tal-bies tar-reġina. Dan għamilnieh apposta, biex il-logo jiġbor fih il-familja tal-falkuni kollha, bil-ħeffa tagħhom, l-aggressività tagħhom u dak il-munqar li jqatta' l-laħam.

L-attivita ta' Ta' Ċenċ kienet waħda mill-isbaħ li niftakar! Ċief rajna ma' l-elfejn. Bdew jgħajtu minn qabel dalam u baqgħu għaddejjin sa l-4.30am żgur - għax dak il-ħin irqadna! Meta qomna, imxejna malajr sax-Xlendi. Imma peress li l-baħar kien kemmxejn imqalleb, m'għumniex ħafna. Il-parti l-kbira tal-ħin qgħadna nixxemmxu - u iva, sunblock għamilna għal darba tnejn tinkwetawx!

Issa jmiss il-ħajk ta' bil-lejl fid-19 Ottubru, dik li diġà ħabbarna fil-Ħuttafa li għaddiet, u l-ħajk bir-roti f'Għawdex - ilu ma jsir wieħed hemmhekk xi tnax-il sena! Imma tinsewx tibbukkjaw! U tħallux għall-aħħar. Narakom!

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur



**Astun aħmar**

## Ftakru...

**...fil-mixja bil-lejl li għandna ppjanata għad-19 Ottubru 2002 mir-Rabat saċ-Ċirkewwa.**
**Niltaqgħu: 9pm fil-venda tar-Rabat**
**Eta: Falko 13+**



Falko
BirdLife Malta

# Attività

## Ħajk bir-Roti f'Għawdex

Data **17 Novembru 2002**
Niltaqgħu **7.30am** Bieb il-Belt jew
**8.30am** iċ-Ċirkewwa (taħt l-arloġġ) jew
**9.30am** r-Rabat Għawdex (ħdejn il-pompa tal-petrol, ħdejn l-Arkadja Shopping Centre).
Rotta: **Ninżlu sa Marsalforn, induru max-xatt sa Tal-Ġordan, u lura għar-Rabat.**
Lura Malta: Ninżlu mal-vapur ta' l-**4pm**.
Ġibu: ikel u xorb, kollox ġo basket li jintlibes fuq id-dahar. U flus għall-vapur (Lm1.75)
Ibbukkjaw: Ċemplu **21347646** ħalli nibbukkjaw ir-roti (li suppost jiswewlna xi Lm2). Jew ibagħtu email lil **office@birdlifemalta.org** u ħallu isimkom, email u telefown. Tibbukkjawx wara 13 Nov 2002.
Età **Falko** (13yrs+)




**Il-President Amerikan George W Bush ġietu idea brillanti ta' kif tikkontrolla n-nirien fil-foresti. "Aqtgħu s-siġar" qalilhom! Jaf jirraġuna ħafna l-President Bush!**

# Żvilupp Sostenibbli

Elisabeth Conrad



***Daż-żmien saret moda li kull min jitkellem fuq l-ambjent (speċjalment n-nies tal-politika, li jħobbu kliem twil!) isemmi l-kelmiet żvilupp sostenibbli (sustainable development). Imma tgħid kollha jafu x'jiġifieri daż-żewġ kelmiet?***

F'Awwissu, f'Johannesburg (fl-Afrika t'Isfel), fetaħ il-*World Summit on Sustainable Development*, li laqqa' ħafna mexxejja ta' pajjiżi biex jippruvaw jiftehmu fuq pjan ta' azzjoni għal żvilupp sostenibbli fid-dinja. X'nifhmu eżatt meta nghidu żvilupp sostenibbli?

## X'jiġifieri?

Żvilupp sostenibbli huwa dak l-iżvilupp li jaħseb għall-bżonnijiet tal-preżent bla ma jfixkel lin-nies tal-futur milli jiksbu l-bżonnijiet tagħhom.

X'inhuma l-bżonnijiet tal-preżent? Aħsbu ftit f'xi bżonnijiet tagħna u ssibu li uħud minnhom itellfu lil xulxin! Per eżempju, aħna għandna bżonn l-arja nadifa biex nieħdu nifs, imma fl-istess ħin għandna bżonn il-karozzi. Imma l-karozzi jħammġu l-arja!

Fuq skala dinjija, dawn il-problemi huma ħafna ikbar. Per eżempju, miljuni ta' nies foqra jqaċċtu s-siġar biex jieħdu l-injam bħala ħatab biex isajru l-ikel. Imma meta jagħmlu hekk jikxfu l-ħamrija, li mbagħad ittir mar-riħ jew titkaxkar bix-xita, bir-riżultat li l-foqra jsiru iktar foqra għax anke l-ħamrija jkunu tilfu!

Kif għandna nagħżlu bejn dawn il-bżonnijiet?

## Kif isir?

Il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli jipproponi li għandna nippruvaw nilħqu bilanċ bejn tliet affarijiet: l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Mhux faċli. Per eżempju, fabrika tal-karti tgħin l-ekonomija ta' pajjiż imma fl-istess ħin teqred riżors naturali: is-siġar. Imma jekk noqogħdu attenti biex ma naħsdux wisq siġar, dik il-foresta jkollha ċans tirriġenera u b'hekk issalva dak ir-riżors għall-futur.

Imma fir-realta huwa diffiċli immens biex tilħaq l-għan ta' żvilupp sostenibbli. Dan għaliex hawn firda kbira fid-dinja bejn il-pajjiżi sinjuri u dawk fqar. Faċli għal min għandu żaqqu mimlija biex jippriedka fuq il-bżonn ta' żvilupp sostenibbli. Imma jekk m'għandekx aċċess għall-ilma nadif, u trid il-ħatab biex tgħalli l-ilma ħalli int u uliedek ma timirdux, se toqgħod tinkwieta li qed teqred is-siġar?

## Fejn tibda?

Għalhekk l-ewwel pass irid ikun li nattakkaw u nsolvu l-problema tal-faqar li teżisti fid-dinja. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tas-Samit ta' Johannseburg infatti kellu jkun dan.

Għalkemm jidher ċar li jonqos ħafna x'isir qabel nibdew nghidu li d-dinja miexja lejn żvilupp sostenibbli, hemm bżonn ukoll nirrealizzaw l-importanza tal-passi ż-żgħar. Avvenimenti bħas-Samit ta' Johannesburg jistgħu jkunu ta' valur kbir, imma l-ewwel u qabel xejn irridu nibdew billi nirranġaw l-attitudnijiet u d-drawwiet tagħna stess. Lesti, per eżempju, li nippruvaw nnaqsu l-użu tal-karozzi kemm nistgħu? Jew li nnaqsu u nifirdu l-iskart?

Ftakru li kull deċiżjoni li nieħdu tagħmel daqsxejn differenza.

Anke d-deċiżjoni li ma nagħmlu xejn!!

## Araw ftit dawn il-fatti u figuri

**Biex teduka lin-nies kollha li bħalissa m'għandhomx edukazzjoni trid Lm2.5 biljun fis-sena. Mhux ħafna, meta tikkunsidra li kull sena l-Amerikani jonfqu Lm3.4 biljun fuq kożmetiċi!**

**Biex tipprovdi ilma nadif u ndafa bażika lil min bħalissa m'għandux trid Lm3.8 biljun fis-sena. Mhux ħafna, meta tikkunsidra li kull sena fl-Ewropa biss jintnefqu Lm4.7 biljun fuq ġelati!**

**Biex tipprovdi mediċina u ikel bażiku lil kull min bħalissa m'għandux trid Lm4.7 biljun fis-sena. Mhux ħafna, meta tikkunsidra li kull sena fl-Ewropa u l-iStati Uniti jintnefqu Lm7.2 biljun fuq pet food!**

biex niċċajta!







*miktub minn Hiawyn Oram*
*tpinġijiet ta' Judith Lawton*
*Orchard Books 1996*




# Dniefel fil-bżonn!

Il-ktieb **Dolphin SOS** hu bbażat fuq l-istorja vera ta' żewġ dniefel, Nemo u Lemo, li kienu jinżammu f'pixxina ġo lukanda fl-Eġittu biex jagħtu l-wirjiet. Kienu bravi ħafna u kulħadd kien iħobbhom. Imma darba nqala' l-inkwiet bejn min kien qed jieħu ħsiebhom u sid il-lukanda. Nemo u Lemo spiċċaw abbandunati f'ilma maħmuġ u bi ftit ikel. Bdew sejrin lura u Nemo marad sew. Ftit kien hemm tama li l-affarijiet jirranġaw sakemm tifla żgħira, bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha, irnexxielha ddawwar l-attenzjoni ta' kulħadd fuq dawn l-imsejkna dniefel. Tgħid salvathom fil-ħin?

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb tistgħu ssibuh fil-Librerija Publika tal-Furjana*

**fuq il-faċċata**



Il-**farfett tal-ħurrieq** (red admiral *Vanessa atalanta*) huwa l-aqwa skuża biex nitgħallmu nħobbu anke l-pjanta tal-ħurrieq, li kulħadd donnu jobgħodha! Dal-farfett sabiħ ibid fuq il-weraq tal-ħurrieq, u x-xgħat tiegħu tgħidx kemm jieklu weraq tal-ħurrieq.

**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**






Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________
postcode ______________________
Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________
postcode ______________________
Membership number ____________ Telefon ____________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**


BirdLife
MALTA
40 years for birds
Triq fil-kampanja Għawdxija. Fuq naħa bidwi sejjer
tlikki tlikki bil-karettun lejn l-għorfa. Fuq in-naħa l-oħra
gaffa qisha mostru qiegħda tqarmeċ u tiekol it-triq!
Tgħid din hija l-istampa tal-futur ta' l-ambjent Malti?